Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-23 ta' Frar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts**
**Spettur Lydon Zammit)**

**Versus**

**Khlef Housein**
**(127873A)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Khlef Housein,** ta' 28 sena, iben Maraey u Xems xebba' Ahmed, imwieled is-Sirja fil-15 ta' Mejju 1994, residenti 74, Triq tal-Gallu, Fgur u detentur tal-Permess tar-Residenza Maltija 127873A.

Akkuzat talli:

1. Fl-14 ta' Settembru 2022, f'dawn il-gzejjer u/jew fl-ibhra territorjali Maltin, ghen jew assista lil xi persuni biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art, jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew ghax tahseb, li tkun qieghed f'Malta, u dan ghal-danni ta' Kap 217, Art. 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi kiser xi disposizzjoni ta' dan l-Att li dwarha mhux stabbilit reat taht xi artikolu iehor ta' dan l-Att Kap 217, Art. 32 (1g).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tas-16 ta' Frar 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ikkunsidrat

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u s-sottomissjonijiet tal-partijiet fuq il-piena fejn il-Prosekuzzjoni ddikjarat li mhux qed tinsisti ghal piena karcerarja stante li l-imputat ikkopera bi shieh mal-Pulizija.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7 u 31 tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 32(1)(a)(g) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil

imputat **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **sena (1) prigunerija li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin millum.**

Il-Qorti spjegat lil imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat